# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 133/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ramon Zammit**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Ramon Zammit**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 604398(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-8 ta' Ottubru 2018 għal ħabta ta' bejn 02:20hrs u 2:30hrs fi Triq Santu Wistin u Triq Sant'Andrija fil-lokalita' ta' San Ġiljan:

1. saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubblika ieħor

waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

2. saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun iżjed mil-limitu preskritt;

3. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;

4. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' April 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3), 15A(1) u 15B(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u kkundannatu jħallas multa ta' elfejn u mitejn Euro (€2200) liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fl-1 ta' Mejju 2019 u jekk ma jitħallasx xi pagament il-bilanċ jitħallas f'daqqa. L-Ewwel Qorti żiedet tgħid li għad din id-darba biss kienet qed tapplika Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ma kinitx ser tissospendi l-liċenzja.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fl-10 ta' Mejju 2019 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"i. tikkonferma l-ħtija misjuba fil-konfront tal-appellat in kwantu l-akkużi kollha u l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, dik ta' multa ta' elfejn u mitejn Euro (€2200); ii. Tapplika s-setgħa tagħha mogħtija mil-liġi, senjatament tramite l-Artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex timponi l-piena preskritta mil-liġi fl-intier tagħha, u għalhekk tipproċedi billi tiskwalifika lill-appellat milli jkollu jew jottjeni xi liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel ma tibda tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali, din il-Qorti tinnota li fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2020 miżmuma quddiem din il-Qorti diversament preseduta l-konsulent legali tal-appellat eċċepixxa li jekk wieħed joqgħod fuq ir-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali skont il-paragrafi (d) u (e) jidher li skont it-terminu stipulat mil-liġi ta' erbat ijiem ta' xogħol biex l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerlai nqabżu b'diversi ġranet. In segwitu ta' dan, fit-3 ta' Lulju 2020 l-appellant Avukat Ġenerali ppreżenta Nota ta' Sottomissjonijiet u fl-10 ta' Lulju 2020 l-appellat ippreżenta Risposta fejn, fost l-oħrajn, huwa rtira l-eċċezzjoni tiegħu *in toto*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-uniku aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa dwar il-piena li hija differenti minn dik indikata għar-reati mniżżla f'Artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa rrefera għal Artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 msemmi li jgħid li

kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet ta' Artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja ta' tali reat għandha teħel fil-każ tal-ewwel kundanna (applikabbli għal każ odjern) multa ta' mhux anqas minn elf u tmien mitt Ewro (€1800) jew għal priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien. Jisħaq li barra dan Artikolu 15H(2) jipprovdi li b'żieda mal-piena taħt is-subartikolu (1), il-Qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenzja tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna (applikabbli għal każ odjern) għal żmien mhux anqas minn sitt xhur. Jsostni li l-appellat qabeż sew il-limitu fil-*breathalyser test* għax dan kien xejn anqas minn 091.6 ug/100ml jew 69.6 milligramma aktar mil-limitu. L-Avukat Ġenerali jifhem li l-Ewwel Qorti riedet turi klemenza ma' min tressaq l-ewwel darba u għamel ammissjoni bikrija iżda jgħid l-liġi kellha tkun applikata fl-intier tagħha.

Illi din il-Qorti eżaminat dak li jiddisponi Artikolu 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-piena li hemm kontemplati f'Artikoli 15A u 15B tal-istess Kapitolu, li minnhom jemerġu tnejn mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellat. Artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena." [emfażi miżjuda]

Illi din id-dispożizzjoni kienet diġa' teżisti fit-8 ta' Ottubru 2018 – ċioè il-jum tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellat – għaliex l-aħħar emenda f'dan l-artikolu saret fis-sena 2017.

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti tgħid hekk: *"Għal din id-darba biss, il-Qorti qed tapplika l-Art. 21 tal-Kap. 9 u mhux se tissospendilu l-liċenzja."* Din il-Qorti tinnota li Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 492, il-qorti tista', għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-piena iżgħar li, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20, mingħajr ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7." [emfażi miżjuda]

Illi b'hekk jirriżulta li fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti kellha ssemmi bir-reqqa r-*"raġunijiet speċjali u straordinarji"* meta ġiet biex tapplika Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ma sar bl-ebda mod – anqas ma ssemmiet raġuni waħda!

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali għandu jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali billi filwaqt li:

- tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu u fejn imponiet multa ta' elfejn u mitejn Euro (€2200) (liema multa għandha titħallas bil-modalitajiet indikati fis-sentenza appellata b'dana pero' li l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien erba' ġimgħat mill-għoti ta' din is-sentenza);

- tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti qalet li ma kinitx qed tissospendi l-liċenzja tal-appellat u

minflok tordna li l-appellat jiġi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan għal żmien ta' sitt (6) xhur liema żmien jibda jgħaddi minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**